MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1284/2010

**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (bhala successor) fil-poteri u drittijiet tal-Awtorita' Marittima ta' Malta**
**Vs**
**David Matthews**
**u fuq ordni tat-Tribunal fl-14 ta' Jannar, 2011 giet ordnata n-nomina Dr Joseph Ellis bhala kuratur deputat**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba ta' l-Awtorita' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf, seba' mija hamsa u hamsin ewro u centezmu (€1755.01) rapprezentanti hlas ta' servizzi ta' irmiggar provduti mill-Awtorita' attrici. Illi dan il-bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lill-Awtorita' attrici in konnessjoni ma' uzu li l-konvenut ghamel minn facilitajiet ta' irmiggar (*berthing facilities*) fil-marina gestita mill-Awtorita' mittenti gewwa l-Imsida fuq bazi temporanja, fir-rigward tad-dghajsa *Aquila*.

Illi l-konvenut nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 22 ta' Gunju, 2009, il-konvenuti baqa' u ghadu ma hallasx dan l-ammontt.

Bl-ispejjez gudizzjarji u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li t-Tribunal laqa' talba mill-Awtorita' attrici li l-konvenut jigi notifikat bl-avviz *tramite* l-Ufficju tal-Avukat Generali ai termini tar-Regolament 1391/2007 dwar in-notifiki fil-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropeja ta' Dokument Gudizzjarju u Extra Gudizzjarju fl-Ambitu Civili u Kummercjali.

Illi fit-13 ta' Ottubru, 2010 ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili ta' Malta ipprezenta nota li tikkonferma *Certificate of Service* negattiva gewwa l-Ingilterra peress illi l-konvenut huwa ta' nazzjonalita' Ingliza u r-residenza tieghu hija fl-Ingilterra. Illi ghaldaqstant, it-Tribunal fis-27 ta' Ottubru, 2010 ordna li jigu mahturi kuraturi deputati peress li t-tentattiv li saru sabiex jigi notifikat barra minn Malta kien irrizulta fin-negattiv u fl-14 ta' Jannar, 2011 gie nominat l-Avukat Dr Joseph Ellis bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lil David Matthews fl-atti tal-avviz 1284/2010MK. Illi fid-19 ta' Jannar, 2011 Dr Joseph Ellis gie notifikat bil-bandu ghall-kurturi.

Ra mill-atti li l-kuratur, sabiex jirraprezenta l-assenti konvenut, baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat fid-19 ta' Jannar, 2011 u ghaldaqstant, is-socjeta' attrici ipprezentat kapitolu, mill-Avukat Simon Pullicino, fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2011 u l-kawza giet differita ghas-subizzjoni ghas-7 ta' Marzu, 2011.

Ra li l-kuratur deputat naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------